# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Ottubru 2019**

**Numru 3**

**Rikors numru 250/13 AL**

**Vincenzina Calleja**

**v.**

**Salvatore Calleja u b'digriet tal-21 ta' Marzu 2018 il-kunjom Calleja gie mibdul ghal Sibayan Calleja**

<u>Preliminari</u>

1. Dan hu appell maghmul mill-konvenut minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija fil-31 ta' Ottubru 2018 mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet, inter alia, billi assenjat lill-attrici s-somma ta' €10,000 pagabbli mill-konvenut ghal darba biss, liema somma giet likwidata *arbitrio boni viri* sabiex tikkumpensa lill-attrici ghall-oggetti l-ohra kollha illi gew assenjata lill-konvenut, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv; l-istess

Qorti ordnat lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' €1,000 rapprezentanti sehem l-attrici mill-ispejjez ta' €2,000 li zewgha nefaq mill-flus tal-kommunjoni sabiex ikun jista' jgib lis-siehba tieghu hawn Malta mill-Filippini, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv; bl-ispejjez kollha jigu sopportati mill-konvenut.

Il-Meritu

2. L-appell tal-konvenut huwa limitat ghal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn fil-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-assi tal-kommunoni l-konvenut gie ordnat ihallas l-ammonti fuq indikati.

L-Appell

3. Dan hu bazat fuq it-tezi tal-konvenut li l-ewwel Qorti ma kellhiex tillikwida u tassenja l-assi tal-kommunjoni peress li l-partijiet kienu ttranzigew dan l-aspett tal-kawza. Huwa fisser l-aggravju tieghu bil-mod segwenti:

> "Bejn il-partijiet kien hemm tranżazzjoni dwar l-aspett tal-komunjoni tal-akkwisti. Fuq is-separazzjoni huwa magħruf li ma jistax ikun hemm tranżazzjoni imma fuq dak li hija komunjoni effettivament kien hemm tali ftehim bejn iż-żewġ naħat. Dan joħroġ ċar anke fl-istess sentenza li kellhom id-dar konjugali u ftiehmu bejn il-partijiet u filfatt ingħataw ċekkijiet mingħand il-kompratur skont il-konteġġi li saru bejn iż-żewġ partijiet. L-istess Vincenzina Calleja kienet megħjuna mill-avukat li kkuntattjat magħha telefonikament.
>
> "Li meta ssaldaw kollox u tħalliet għas-sentenza, l-istess Vincenzina Calleja bagħtet messaġġ lill-avukat tagħha fejn qaltilha biex twaqqaf

kollox għaliex il-partijiet kienu ftiehmu kompletament u li ma kienx baqa' x'jiġi saldat għaliex il-partijiet kienu ftiehmu fuq id-dettalji kollha.

"Minkejja dan jidher li baqgħet għaddejja s-sentenza u saru kundanni ta' ħlasijiet meta l-partijiet kienu ttransiġew.

"Għaldaqstant għandha tipprevali t-tranżazzjoni li kienet saret anke fil-kuntratt tal-bejgħ tal-proprjeta` li kien fis-26 ta' Jannar 2018.

"Għaldaqstant ma kellu jkun hemm l-ebda provvediment dwar id-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti jew inkella li jiġi saldat xi debitu li kien kalkolat u saldat bejn il-partijiet.

"L-esponenti wera li kien hemm arranġamenti bejn il-partijiet u li kienu ssetiljaw u kienu waslu għall-ftehim fuq kollox għal dik li hija proprjeta` u tqassim ta' bejniethom. Kienet l-istess attriċi li bagħtet messaġġ fejn qaltlu li se tagħti struzzjonijiet lil Dr Lara Dimitrijevic biex twaqqaf il-kas, pero` dan ma sarx u dehret avukata oħra.

"Illi l-istess Onorabbli Qorti għamlet kummenti dwar talbiet tal-istess attriċi illi kienu mhux ġustifikat u allura ċaħditilhom u dan kien hemm numru mhux ħażin minnhom kif jirriżulta mill-istess sentenza. Kif imbagħad finalment tgħid li qed tagħmel likwidazzjoni *arbitrio boni viri* mhuwiex filfatt konċepibbli għaliex ma jirriżultax li l-partijiet ma kienux ftiehmu.

"Il-Qorti stess kif bdiet fil-konsiderazzjonijiet tagħha qalet li kienet qiegħda biss tikkonkludi dak li ma ġiex konkluż bejn il-partijiet għaliex ħafna affarijiet bħal bejgħ tad-dar, tad-dgħajsa u oġġetti oħra ġew effettivament likwidati qabel is-sentenza. U allura liema hija l-iktar veru simili? Dak li qiegħed jgħid Salvatore Calleja illi hu u martu kienu irranġaw fuq kollox jew li qalet hi li l-Qorti waslet mhux bi <u>prova</u> ta' xi ħaġa li kellha imma fuq kalkolu arbitrio boni viri. Biex ikun hemm kalkolu bħal dan irid ikun hemm altru konstatazzjoni ta' dritt u l-impossibilta` li dan id-dritt jiġi likwidat.

"F'dawn il-materji l-konjuġi għandhom l-akbar liberta` kif jaqsmu u jaslu għall-arrangament fuq il-beni li jkollhom".

4. Abbazi tal-premess huwa qieghed jitlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn gie ordnat li l-konvenut ihallas lill-attrici l-ammonti ta' €10,000 u €1,000 liema ammonti huma diga` saldati, filwaqt li tikkonferma l-kumplament tas-sentenza bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici.

5. Min-naha taghha l-attrici pprezentat risposta li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm spjegati, qed titlob li l-appell tal-konvenut jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

L-Aggravju

6. Dan hu bazat fuq is-sottomissjoni tal-konvenut li l-partijiet kienu waslu ghal transazzjoni dwar l-assi tal-kommunjoni tal-akkwisti u ghalhekk l-ewwel Qorti ma kellhiex tinjora dak il-ftehim u tghaddi sabiex tipprovdi dwar dan l-aspett patrimonjali tas-separazzjoni. Huwa jsostni din it-tezi tieghu fuq il-fatt li meta nbieghet id-dar matrimonjali bi ftehim bejn il-partijiet kienu saru konteggi bejniethom tant li r-rikavat ma kienx inqasam ugwalment bejniethom. Jissenjala li f'dik l-okkazzjoni ukoll l-attrici kienet meghjuna mill-avukat taghha "*li ikkuntattjat maghha telefonikament*". Jghid li "*ghandha tipprevali t-transazzjoni li kienet saret anke fil-kuntratt ta' bejgh tal-proprjeta` li kien fis-26 ta' Jannar 2018*". Jghid li tant hu minnu li l-partijiet kienu lahqu ftehim dwar il-proprjeta` taghhom li l-attrici kienet baghtitlu sms "*li ser taghti struzzjonijiet lil Dr.Lara Dimitrijevic biex twaqqaf il-kaz, pero' dan ma sarx u dehret avukata ohra*".

7. L-attrici tirribatti ghal dan l-aggravju billi tichad li fil-fatt kienet sehhet transazzjoni fuq l-aspett patrimonjali kollu tal-kawza. Permezz tad-difensur taghha, l-avukatessa fuq imsemmija, hija prezentat risposta fejn tispjega li mhux minnu li kien sar il-ftehim allegat mill-konvenut u li mhux minnu li hi riedet iccedi l-kawza. Tghid li l-sms li kienet baghtet lill-konvenut ma kinitx turi l-vera intenzjoni taghha li ccedi l-kawza, ghax dak il-messag kien intbaghat sforz tal-manipulazzjoni da parti tal-konvenut li kien qed jheddidha li ma jersaqx ghall-konvenju tal-bejgh tad-dar matrimonjali jekk ma jsirx kif irid hu. Ghalhekk hi kienet accettat li tibghat dak il-messagg u accettat ukoll li mir-rikavat tal-bejgh hi tiehu somma inferjuri ghal nofs. Tissenjala li b'daqshekk ma kinitx cediet il-kawza, u ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta baqghet ghaddejja bl-ghoti tas-sentenza.

8. Tenfasizza li dak li sar mill-attrici ma kienx jikkostitwixxi transazzjoni skont il-ligi li fl-Artikolu 1721 tal-Kodici Civili tezigi li "*Kull transazzjoni bejn ir-ragel u l-mara, minghajr awtorizzazzjoni tal-qorti kompetenti hija nulla, minbarra fil-kazijiet li fihom, skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 1366, jista' jsir bejniethom kuntratt ta' bejgh*".

9. Din il-Qorti tosserva li l-konvenut qed jittanta jsostni t-tezi tieghu li kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet dwar l-aspett patrimonjali kollu tal-kawza billi jaghmel referenza ghall-ftehim li ghamlu l-partijiet dwar il-bejgh

tad-dar matrimonjali li sar fis-26 ta' Jannar 2018, kif ukoll ghall-kopja tal-messagg li l-attrici kienet baghtitlu qabel inghatat is-sentenza u li skont hu kien jekwivali ghal cessjoni tal-kawza.

10. Il-messagg relattiv, li kopja tieghu giet prezentata fin-nota responsiva tal-konvenut ghan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici, jaqra hekk:

> "Dr.Lara, pls I need to talk to you. I don't want nothing from my ex. Irtira d-dokumenti li intbghat. Ma kienx hemm ghalfejn naqalaw affarijiet li issa ghaddew wara snin per ezempju ta xidda [sic]. Jiena ma rrid xejn assolutament inghandu. Just kemm ninformawhom li bejnietna kollox settled. Please call me because I can't reach you. Thanks."[1]

11. Jidher li meta l-avukatessa taghha fehimtha l-implikazzjonijiet ta' dak il-messagg, l-attrici rega' bdielha u ma cedietx il-kawza.

12. Din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. Fl-ewwel lok, jigi osservat li l-fatt li fil-mori tal-proceduri l-partijiet qablu li tinbigh id-dar matrimonjali ma jfissirx li huma qablu fuq kollox u li l-kawza giet tranzatta. Fit-tieni lok l-istruzzjonijiet li parti f'kawza taghti lill-avukat taghha biex iccedi l-kawza ma jammontawx ghal cessjoni tal-atti skont il-ligi, u fil-kaz odjern l-attrici kienet ghadha fid-drittijiet taghha meta irtirat dawk l-istruzzjonijiiet, wara li gie spjegat lilha l-effetti legali taghhom, u ddecidiet li tkompli bil-kawza. Fit-tielet lok, kif sewwa irrilevat l-attrici fir-risposta tal-

[1] Vol.5 – Fol.909 Il-messagg u bla data.

appell taghha, it-tezi tal-konvenut dwar allegata transazzjoni ma tistax treggi, kemm ghax ma ngabitx prova li fil-fatt kienet sehhet transazzjoni, kif ukoll ghax ma jirrizultatx l-awtorizzazzjoni tal-qorti kompetenti sabiex dak li l-attrici setghet accettat verbalment barra l-Qorti jkollu effetti legali.

13. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat, anzi jirrazzenta l-fieragh u qed jigi michud.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appell billi tichdu, bl-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tal-appell ikunu kollha a kariku tal-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb